MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 616/2005

**Emanuel Muscat (ID 480058 M)**

**Vs**

**Timothy Agius Ferrante (221053 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500) rappresentanti danni sofferti mill-istess attur meta l-konvenut waqaf mis-servizz ta’ trasport ghat-tfal ta’ l-iskola bla ebda pre-avviz wara li kien imgieghel sabiex jaghmel dan.

Ra r-risposta fejn l-konvenut fl-ewwel lok qal illi t-talba hija preskritta a tenur tal-artikolu 2147(d) u 2156(f). Qal ukoll illi kwalunkwe ftehim li seta kien hemm ma’ l-attur ma’ kienx mieghu izda ma’ “The Priory Limited”.

Fit-tieni lok qal illi l-ammont mitlub f'din il-kawza mhuwiex dovut.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra x-xhieda ta' l-attur illi kien jipprovdi transport ta' l-iskola l-Imdina fejn jikkonferma illi l-konvenut ma' kienx hallsu ghax-xoghol li ghamel fis-sajf. Jghid illi dan ix-xoghol tas-sajf kien jammonta ghal Lm160.

Jispjega illi f'Settembru l-konvenut kien qallu biex ma' jahdemx izjed u minflok gab lil xi hadd minn Silver Star. Jikkonferma li x-xoghol mall-konvenut kien intemm f'Settembru 1998.

Jghid illi l-konvenut kien jaghtih cheques li ma' jissarfux.

Fil-kontro-ezami jghid illi hu kien hadem ghal The Old Priory School u mhux The Old Priory Limited. Jikkonferma li qatt ma' kellu kuntratt ta' impjieg mal-konvenut.

L-attur jghid illi ma' kienx johrog invoice u lanqas ricevuta tal-VAT minhabba li kien ghadu ma' jezistix.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li kien jahdem ghas-socjeta The Priory Limited. Jghid illi ma' kellhomx kuntratt bil-miktub u l-ghalliema kienu qalulu li ma' riedux jitilghu fuq il-vann ta' l-attur. Jghid ukoll li anke' l-genituri tat-tfal insistew li jekk ikomplu juzaw lil dan, it-tfal kienu jigu mnehhija mill-iskola

Fil-kontro-ezami jghid illi c-cekkijiet kienu johorgu Old Priory Limited. Jikkonferma li c-cekk esebit bhala EM1 ma' giex imsarraf pero l-attur gie mhallas cash. Jghid illi l-attur ma' riedx jirritorna dana c-cekk lura.

Il-konvenut jghid illi l-attur gie informat verbalment illi x-xoghol tieghu gie terminat.

Ra l-Affidavit tal-mara ta' l-attur, Innocenza Muscat, fejn tikkonferma li l-attur kien jahdem ghal Old Priory School

ghal xi tnax-il-sena. Tghid illi l-partijiet kienu jahdmu fuq bazi ta' ftehim verbali.

Tghid illi l-attur qed jitlob is-somma ta' Lm616 rapprezentanti ghal Lm216 tas-summer school u Lm400 pagament f'cheque li ma' ssarafx. Tikkonferma li kellmet lil konvenut kemm il-darba u weghda li ser ihallas l-ammont dovut lill-attur kif ukoll li kien ser igedded il-kuntratt ghas-sena segwenti.

Il-konvenut kien informa lil attur li ma' kienx ser igedded il-ftehim u ghalhekk l-istess attur ma' kienx sab xoghol alternattiv. Tghid illi l-konvenut kien tilef 190 gurnata bit-Lm12 bhala xoghol.

Ra x-xhieda ta' Innocenza Muscat fejn tikkonferma li l-attur kien jahdem ghal konvenut.

Ra x-xhieda ta' Charmaine Agius Ferrante fejn tghid illi 8 snin ilu l-iskola kienet ta Old Priory Limited. Tikkonferma li hi kienet informat lill-attur sabiex jittermina x-xoghol minhabba l-fatt li hi kienet irceviet xi "warnings" minghand il-genituri tat-tfal illi l-istess attur kien qieghed imur tard ghalihom kif ukoll kien hemm xi tfal li waqaw mill-vann.

Tikkonferma li ebda ammont ma' hu dovut lil attur. Tghid illi l-konvenut ma' kienx involut personalment f'din il-kawza.

Fil-kontro-ezami tghid illi darba minnhom l-attur kien gie lura b'cheque li ma' setghax jissaraf u ghalhekk huma hallsuh cash. Tghid ukoll illi l-attur qatt ma' rritorna dak ic-cheque.

Ikkunsidra li fl-avviz l-attur talab Lm1500 bhala "danni sofferti mill-attur meta l-konvenut waqfu mis-servizz ta' trasport ghat-tfal tal-iskola bla ebda pre-aviviz wara li kien impjegah jaghmel dan".

Illi l-attur naqas li jigib l-icken prova dwar xi ftehim jew obbligu li seta kellu l-konvenut sabiex ikompli jimpjega lil

attur. Lanqas hemm provi li juru li l-attur tilef dan l-ammont minhabba xi decisjoni tal-konvenut.

Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2147(d) u 2156(f). Illi skond mart l-attur l-kaz kien f'Settembru 1998. Il-kawza giet presentata fis-7 ta' Marzu 2005. Ic-cheque ezebit huwa datat 26/2/1998. Illi fil-fatt fl-avviz mhux qed jitlob salarju izda danni. Illi mart l-attur tghid li l-ammont dovut huwa Lm616 rappresentanti Lm216 "ghal summer school" u Lm400 cheque li ma ssarafx". Illi inoltre mart l-attur tghid li l-attur tilef 190 gurnata xoghol bit-12 il-lira kuljum (Lm2280). Illi ma hemmx prova ta' dan u kif diga inghad ma hemmx prova li l-konvenut kellu xi obbligu li jimpjega lil attur. Illi tant hemm ftit provi minn naha tal-attur li huwa difficili li wiehed jikkonkludi jekk it-talba hi preskritta ghaliex lanqas huwa car ezattament x'qieghed jitlob l-attur. Mhux car jekk il-Lm216 ghal summer school huwa xoghol li sar jew xoghol li tilef.

F'kull kaz t-talba ghal Lm 616 hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f).

Illi dwar l-allegat danni l-attur ma gabx bizzejjed provi biex juri li l-konvenut kellu obbligu li izomm l-attur ghal xi zmien wara li l-konvenut iddecieda li ma riedx juza s-servizzi tieghu iktar. Lanqas hemm provi sufficjenti dwar jekk l-attur effetivament sofra d-danni. Jekk sofra danni fl-ammont ta' Lm2280 ghaliex talab hafna inqas?

Ghaldaqstant jichad t-talba tal-attur bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------